# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Jannar - Frar 1991 | Nru. 58


## Il-Kelma ta' l-Arcipriet

## *MA NISTAX........*

Ngħidu ħafna talb matul il-ħajja li Alla jislifna. Hawn min jitlob ħafna. Hawn oħrajn li jitolbu ftit. Hawn min jitlob kuljum u sew; u hawn min jitlob għal bżonn, meta tinqala' il-ħtieġa. Hawn min jitlob bil-qalb u jkun jaf x'qed jgħid; filwaqt li hawn oħrajn li dak li jgħidu l-anqas biss jifhmu xi jfisser u x'ikun qed jingħad.

Żgur li kieku kellna ngħoddu kemm il-darba ngħidu l-**Missierna,** ma naslux biex ngħidu ċifra eżatta. Iżda tajjeb li nirriflettu sewwa, jekk dak li nitolbu fil-**Missierna,** jaqbilx mal-ħajja li nkunu qed ngħaddu.



◆ Ma nistax ngħid **"MISSIERNA"**, jekk ma nħossx li l-bnedmin l-oħra kollha huma **ħuti!**

◆ Ma nistax ngħid **"LI INTI FIS-SMEWWIET"** jekk naħseb biss fil-ħwejjeġ ta' l-art u ma nerfax ħarsti lejn id-dinja tal-perfezzjonijiet divini.

◆ Ma nistax ngħid **"JITQADDES ISMEK"**, jekk ma għandix ħerqa għall-glorja t'Alla u jekk l-imġieba tiegħi ma tagħtix ġieħ lil Ismu.

◆ Ma nistax ngħid **"TIĠI SALTNATEK"**, jekk m'inix nagħmel ħilti kollha biex inħaffef il-miġja tas-Saltna t'Alla u jekk qiegħed inħallat din is-saltna mas-suċċessi tad-dinja.

◆ Ma nistax ngħid **"IKUN LI TRID INT"**, jekk m'inix lest li nwettaq ir-rieda t'Alla, anke meta din ma togħġobnix.

◆ Ma nistax ngħid **"ĦOBŻNA TA' KULJUM, AGĦTINA LLUM"**, jekk ma niftakarx li dak kollu li għandi ġej minn Alla.

◆ Ma nistax ngħid **"AĦFRILNA DNUBIETNA"** jekk inżomm f'qalbi u m'inix lest li naħfer dejjem u lil kulħadd.

◆ Ma nistax ngħid **"LA DDAĦĦALLNIEX FIT-TIĠRIB"**, jekk infittex b'għajnejja magħluqa l-okkażżjoni tad-dnub.

◆ Ma nistax ngħid **"EĦLISNA MID-DENI"**, jekk ma' inix lest niġġieled kontra kull ħażen li nara madwari.

◆ Ma nistax ngħid **"AMEN"**, jekk jiena ma nagħmilx dan kollu li semmejt hawn fuq.

Quddiem din is-sitwazzjoni hemm żball li faċli naqgħu fih: ix-xitan jgħidilna: "Mela titlob xejn!" Ma nħalluħx jidħak bina. Għandna bżonnhu t-talb, mingħajru ma aħna xejn. Imma naraw li nitolbu sew, nifhmu dak li qed nitolbu, u ngħixu ta' kuljum it-talb tagħna.

**IL-BELT VICTORIA**

*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*

*Uffiċċju Editorjali:*

Centru Parrokkjali San Ġorġ
Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

### Membri Ġodda fil-Komunita' Parrokkjali:-

30-12-90: ANNA MARIE, bint John Tabone u Carmen nee' Vella.
12-1-91: MARTHESE bint George Cini u Maria Regina nee' Tabone.
26-1-91: NICOLE' bint Joseph Borg u Lucy nee' Grima.
27-1-91: RAIFFA MARIE bint Raymond Attard u M'Rose Grech.
3-2-91: ANTHEA bint Joseph Saliba u Elizabeth Apap.

### Marru Jingħaqdu ma' Kristu Rxuxtat:-

15-1-91: Mara Antonia Sacco.
25-1-91: Katerina Bartolo.
6-2-91: Ġużepp Mercieca. 9-2-91: Anthony Borg

## Eżercizzi Spiritwali '91

**Għall-KOPPJI MIŻŻEWĠA**
Mit-Tnejn 25 ta' Frar sal-Ġimgħa 1 ta' Marzu
Predikatur: Patri ELIJA VELLA OFM Konv.
**Ħin: Fis-7.00p.m.**
*N.B. Ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal fiċ-Ċentru*

**Għall -KULLĦADD**
Mit-Tnejn 4 ta' Marzu sal-Ġimgħa 8 ta' Marzu
Predikatur: Fr. JOE SALIBA OFM Kapp.
**Ħin: Fis-1.45p.m.**

**Għaż-ŻGĦAŻAGĦ**
Mit-Tnejn 4 ta' Marzu sal-Ġimgħa 8 ta' Marzu
Predikatur: Fr. Paul Chetcuti S.J.
**Ħin: Fis-7.00p.m.**

**Ħinijiet tal-Quddies fil-Għaxija:**
Matul il-Ġimgħa: Fil-5.00p.m. u fis-6.30p.m.
Ħdud u Festi: Fl-4.00p.m. u fil-5.30p.m.
***Minn Ħadd il-Għid 31 ta' Marzu***
**Filgħaxija jsiru hekk:**
Matul il-Ġimgħa: Fil-5.30p.m. u fis-7.00p.m.
Ħdud u Festi: Fil-5.00p.m. u fis-6.30p.m.

## editorjal

# Meħtieġ Xogħol Kbir ta' Restawr

Il-Bażilika tagħna ħadet l-inizjattiva li ġġib minn barra minn Malta żewġ restawraturi biex jagħmlu studju fuq xi kwadri li jinsabu fil-Bażilika jew fis-sagrestija. Dawn ir-restawraturi ġew wara, li waqt il-ġbid tar-ritratti għall-ktieb Gozo - The Roots of an Island' innutajna li hemm xi kwadri li għandhom bżonn kbir ta' restawr.

Għalhekk xi xhur ilu kellna fostna lil Sandra Pesso u lil Francesca Maletto li huma żewġ restawraturi minn Ruma u dawn sakemm damu hawn għamlu studju fuq disa' kwadri. Naturalment wara dan ix-xogħol f'Għawdex, ix-xogħol tkompla ġewwa Ruma sakemm tlesta rapport dettaljat dwar disa' kwadri li għandhom bżonn restawr. Dan ir-rapport ġie studjat mill-Kapitlu u mill-Presbyterium u ġie deċiż li tingħata preferenza lill-kwadru ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju li qiegħed fil-Bażilika u li huwa xogħol tal-magħruf pittur Mattia Preti. Biex isir dan ix-xogħol ta' restawr fuq il-kwadru ta' l-Erwieħ tinħtieġ somma mhux ħażin. Il-parroċċa tagħna ġa qed tieħu ċerti inizjattivi biex tkun tista' toħroġ parti mis-somma li hemm bżonn.

Naturalment waħedna ma naslux u għalhekk ukoll il-Kumitat Storiku Kulturali qed jieħu l-inizjattiva li jipprova jiġbor iktar fondi għal dan l-iskop. Il-quddiem ser tiġi mħabbra attivita' mhux tas-soltu bil-għan li tinġabar is-somma meħtieġa biex il-kwadru ta' l-Erwieħ jerġa jilbes dawk il-kuluri sbieħ li bih żejjnu Mattia Preti.

Inħossu li l-Komunita' Parrokkjali kollha għandha tappoġġja proġett bħal dan. Veru li hija ħaġa sabieħa li jsiru opri ġodda iżda huwa wkoll importanti li nieħdu ħsieb dak il-wirt artistiku li ħallewlna missierijietna.

### Donazzjonijiet għar-Rivista:

Mr. Guido Lanfranco Lm1
George Cremona (USA) 25 US $
Ġiġi Said (Aust.) 50 Aust. $
Nick Gatt (Kanada) 20 Can. $
Emanuel Attard (Aust.) 20 Aust. $
Rev. George Brincat (U.S.) 40 US $

**HABIB, x'tieħu billi tidghi? Tahseb li b'hekk sa tieħu raġun? Id-dagha jżebilhek u jbaxxik.**

## ROKNA GHAT-TFAL

Għeżież tfal,

Kif intom? Nistħajjilkom qed tgħiduli f'qalbkom li għadkom għajjenin mill-eżamijiet ta' nofs is-sena. Għadkom għajjenin bl-istudju li għamiltu f'dawk il-ġranet. Jiena nieħu gost nismagħkom tgħidu li studjajtu ħafna u għamiltu kull sforz biex tmorru tajjeb. U, wara kollox, nispera li mortu tajjeb u kellkom riżultati li ssodisfaw lilkom, lill-għalliema u lill-ġenituri tagħkom!

Kont se ninsa nsemmielkom li wara l-eżamijiet kellkom il-vaganzi tal-Karnival li setgħu iservukom mhux biss ta' mistrieħ, imma wkoll ta' divertiment. Għandi naħseb li lkoll kemm intom, xi ftit jew wisq, tbellaħtu, eh! U min jaf kemm ittentajtu nies, għax wiċċkom kien mgħotti sewwa u ħadd ma seta' jagħrafkom! U 'l dak li jkun ġagħltuh jirrabja, jekk mhux ukoll jgħid xi kelma ħażina!

U la semmejna l-kliema ħażin, nixtieq ngħidilkom storja ċkejkna, dwar dan il-vizzju ikrah, għax mhux darba jew tnejn smajt kliem ħażin ħiereġ minn fomm xi tfal bħalkom.

Darba kien hemm missier li kien iħobb jidgħi ħafna. Għal kull ħaġa ta' xejn jitilgħulu u erħilu jitkellem pastaż u ħażin. Ma kienx jistħi jew jibża' jsemmi għalxejn l-isem t'Alla u tal-Madonna. It-tifel tiegħu, li kellu madwar għaxar snin, ma kienx jiflah jisimgħu jgħid kliem mhux xieraq li joffendi lil Alla. U ħaseb biex jagħtih lezzjoni.

Darba, dan it-tifel iddawwar ma mar lura d-dar mill-iskola għal t'apposta. Meta nduna b'dan, missieru qabad jirrabja u jidgħi kemm jiflah. F'din is-sura sabu t-tifel meta wasal id-dar xi nofs siegħa aktar tard mis-soltu.

It-tifel mar quddiem missieru, newwillu biċċa zokk ta' siġra li kien ġabar mit-triq, waqt li qallu: *"Ħawn, pa, ħu dan iz-zokk u sawwatni bih kemm tiflah, iżda tkasbarx l-Isem t'Alla!"* Għal dan il-kliem, il-missier waqaf issummat, imriegħex. Il-lezzjoni kien ħadha.

Tfal, għandkom il-ħila tagħmlu bħal dan it-tifel u ssikktu lil min tisimgħuh jidgħi, kemm jekk ikun tifel jew tifla bħalkom, kemm jekk ikun kbir? Nittama li iva. Imma rrid nittama wkoll li ma tkunux intom li tħallu joħroġ minn fommkom kliem mhux xieraq, għax inkella tkunu intom li jkun jistħoqqilkom ċanfira!

*Tata' Iz-Ziju PEPPI*

# Ftuħ taċ-Ċentru ta' Kana f'Għawdex

Il-Banda Ċittadina La Stella nhar il-Ħadd 13 ta' Jannar ġiet mistiedna tieħu sehem fil-festi li l-Moviment ta' Kana f'Għawdex organizza biex jiċċelebra l-inawgurazzjoni uffiċċjali taċ-ċentru ġdid tiegħu fil-belt Victoria, "Istitut Familja Ġwanni Pawlu II". Għall-okkażjoni l-Banda għamlet marċ tul Triq ir-Repubblika sa quddiem iċ-ċentru fejn il-Banda laqgħat bid-daqq tagħha l-għadd ta' mistednin distinti li attendew għal dan il-ftuħ, fosthom il-President ta'Malta Dr Ċensu Tabone u l-Isqof t'Għawdex Mons Nikol Cauchi.



Is-sehem tal-Banda La Stella f'din l-okkażjoni ngħata bla ebda rikompens bħala turija ta' rikonoxximent lill-Moviment ta' Kana għal-ġid bla qies li dan qiegħed iwettaq fost il-familji Għawdxin. Ta' min ifakkar li 10 senin ilu l-Banda La Stella kienet l-unika Banda li ħadet sehem fil-festi li l-Moviment organizza fl-okkażjoni tat-Tqegħid tal-Ewwel Ġebla ta' dan l-Istitut mill-Kardinal Thomas O'Fiach.


**★ ★ SPECIALLY FOR GOZO ★ ★**

STARTING SOON

**Modelling Course *by* MODELLE INT.**
**Flower Arrangement Course *by* RONFLEUR**
**at THE ASTRA THEATRE COMPLEX**

*For Further information contact:*
**Gozo: 556256/551004**
**Malta: 450489**
**319228 / 413260**
**246509**

# IL- 'LADIES SOCIETY ' U L-ĦIDMA TAGĦHA

Waħda mill-għaqdiet imwaqqfa fi ħdan il-Komunita' Parrokkjali ta' San Ġorġ hija l- "LADIES SOCIETY". Hija għaqda mmexxija minn Kumitat ħabrieki tassew li jiltaqa' regolarment almenu darba fix-xahar biex jorganizza attivitajiet b'riżq il-Bażilika u l-Komunita' Parrokkjali tagħna.

Din l-għaqda issa ilha mwaqqfa madwar tmien snin u l-Kumitat preżentement hu mgħamul minn: Giorgina Cassar, President; Antionette Frendo, Vici-President; Antionette Azzopardi, Segretarja; Tarcisia Mizzi, Teżoriera, Rożina Scicluna, Ass-Segretarja; u Vitorina Borg, Carmen Cassar, Rita Ellis, Carmen Frendo, Doris Mizzi u Carmelina Pace, Membri.

Fost l-attivitajiet prinċipali tal- 'LADIES SOCIETY', insibu l-organizzazzjoni ta' l-ikla festiva ta' Jum San Ġorġ li ssir fil-Ħadd li jkun l-eqreb lejn it-23 ta' April; il-Bazaars tal-Milied u l-Għid b'riżq il-Bażilika u għadd ta' pellegrinaġġi, u ħarġiet kulturali u rikreattivi f'Għawdex u f'Malta. Il-membri wkoll jgħinu fil-ħtiġijiet ta' ħjata u tindif fil-Bażilika u jagħtu wkoll il-kontribut tagħhom favur il-promozzjoni umana speċjalment b'kooperazzjoni mas-Segretarjat Djoċesan li hemm apposta.

S'issa l- 'LADIES SOCIETY' diġa rregalat diversi opri lill-Bażilika, fosthom settijiet ta' pjaneti gotiċi u pjaneti singoli għas-servizz liturġirku. Dan l-aħħar l-għaqda rregalat ukoll sett ta' sitt gandlieri u kurċifiss artistiċi magħmulin miċ-ċeramika.



*Il-Kumitat tal-Ladies Society flimkien ma' Mons Arċipriet u Rev. Dr. G. Farrugia, Direttur Spiritwali*



*Is-sett gandlieri taċ-ċeramika fuq l-altar maġġur.*

Bħalissa, kif ġa huwa magħruf din l-għaqda qed tiġbor fondi għal opra kbira u meħtieġa: sett ta' pjaneti gotiċi ta' lewn aħmar li jkunu jixirqu fil-liturġija solenni li ssir fil-Bażilika f'ġieħ San Ġorġ u f'tifkiriet solenni oħra. Preżentement qed issir il-ħidma sabiex jinġieb id-drapp għal t'apposta minn barra.

Mons. Arċipriet għandu ħafna għal qalbu din l-għaqda u jħeġġiġha biex tkompli l-ħidma siewja tagħha fil-qasam kulturali u spiritwali tal-komunita' parrokkjali tagħna. Huwa jixtieq ukoll li tikber fl-għadd tal-membri tagħha u għalhekk jistieden lil dawk it-tfajliet u nisa kollha li jaħsbu li jistgħu jagħtu sehemhom fi ħdan dan il-grupp sabiex jersqu u joffruh skond ma jistgħu.

J'Alla l- 'LADIES SOCIETY' tkompli bl-attivita` tagħha u tkompli ssib il-kooperazzjoni fil-ħidma tagħha fost il-membri kollha tal-Komunita` Parrokkjali tagħna.


# Żewġ Pellegrinaġġi għal Lourdes



organiżżati

**mill-Bażilika ta' San Ġorġ**

1. Mid-29 ta' Lulju sa l-1 t'Awissu 1991
2. Mid-19 ta' Awissu sat-22 ta' Awissu '91

*ERBAT IJIEM "FULL BOARD" B'SERVIZZ TA' DIRETTUR SPIRITWALI U TOUR LEADER*

- Il-Prezz jithabbar 'l quddiem -

***BAQA' BISS FTIT POSTIJIET***

# AIDS - Il-Marda Qerrieda

kitba ta'
Dr. E. RAPA M.D.

L-ewwel darba li smajna fuq din il-marda kien fl-1981, meta fl-Amerika ġew rappurtati l-ewwel każi ta' marda ġdida, ġdida għax dak li l-morda b'din il-mard ġarrbu ma kienux jiffittjaw fi stampa ta'xi marda li konna nafu biha. Naturalment tqanqlet ħafna ħerqa u kurżita qalb ix-xjenzati li ma damux wisq ma skoprew il-virus li jikkaġuna din-il-marda. Difatti kien sentejn wara, fl-1983, meta fl-Istitut Pasteur f'Pariġi, ġie identifikat il-virus tal-Aids.

L-Aids hi mard li tittieħed. Tista tittieħed minn tlett fonti prinċipali:

(1) Kuntatt sesswali ma persuna li għandha fid-demm il-mikrobu tal-Aids jew li hi marida bl-Aids. Qiegħed nagħmel din id-differenza għax jeżistu każi ta' nies li għalkemm jidhru f'saħħithom u jidhru donnhom ma humiex morda, iżda ġo demmhom hemm jiġri l-virus tal-Aids. B'kuntatt sesswali nifhmu kwalunkwe forma ta' relazzjoni sesswali ma persuna ta' sess divers jew inkella tal-istess sess (omosesswali). Naħseb ma hemmx bżonn ta' l-ebda spjegazzjoni meta ngħid li l-vizzju fis-sess hu kawża ikbar ta' infezzjoni bl-Aids minn relazzjoni sesswali normali (siltendi dejjem ma persuna bil-mikrobu tal-Aids).

(2) It-tieni metodu kif tittieħed din il-mard hi permess ta' demm infettat. Hemm żewġ metodi kif dan jista jiġri:

{a} id-drogati (drug-users). Tajjeb li wieħed jara x'jiġri hawn. Bniedem li jieħu d-droga jimla s-siringa b'soluzzjoni ta' droga, per eżempju eroina. Jinjetta hu stess l-eroina ġo waħda mill-vini ta' ġismu, ġeneralment f'dawk ta' idejh jew ta' madwar il-minkeb. Ħaġa naturali, il-labra tas-siringa tkun ġo vina, u tkun tmiss mad-demm ta' individwu, xħin dan ikun qiegħed jinjetta l-eroina ġo fiha. Xħin jinjetta kollox, hu joħroġ is-siringa bil-labra mċappsa bid-demm magħha, mill-vina. Hu mbagħad jagħti l-istess siringa lil sieħbu, li jerġa jimlieha b'soluzzjoni ta' eroina u jinjetta f'vina oħra ta' ġismu. Bħal ma għidt il-labra tkun diġa mċappsa bid-demm ta' l-ewwel persuna u l-istess labra issa ddaħlet fil-vina tat-tieni individwu. Jekk l-ewwel persuna kellha l-Aids, permezz tal-labra mċappsa bid-demm. il-virus sa jittieħed mill-ewwel ghat-tieni persuna. Sfortunatament, dan il-metodu ta' infezzjoni hu wieħed mill-iżjed kommuni fid-dinja.

{b} Mod ieħor kif wieħed ilaqqat l-Aids, permezz ta' demm infettat, hu billi jirċievi trasfużjoni ta' demm meħud minn bniedem li għandu l-mikrobu tal-Aids. Bħal ma ġa għidt qabel, jeżistu nies f'saħħithom mingħajr sinjali ta' mard, li għandhom ġo demmhom il-virus tal-Aids. Tant huma f'saħħithom li jistgħu jagħtu d-demm. U hawn hi l-problema. Jekk wieħed ma jittestjax id-demm għall-Aids (HIV-test), faċli ħafna li bniedem jiġi mogħti d-demm ta' bniedem bl-Aids. Nitieq hawn nispjega ruħi sew biex inserraħ l-irjus. F'Malta bniedem imur biex jagħti d-demm. Jiġi mistoqsi mit-tabib jekk kellux xi kuntatti ma nies ta' valuri morali dubbjusi. Nies bħal dawn ma jaċċettawhomx biex jagħtu d-demm. Sample tad-demm tal-individwu li se jagħti d-demm, imbagħad jiġi sottospost għal HIV-test - it-test tal-Aids. Jekk it-test hu positiv, ma jistax jingħata d-demm ta' dan id-donor; għal kuntrarju jekk id-donor hu HIV-negative, allura jista jagħti d-demm. B'hekk anki dak li forsi ikun gideb u ma qalx il-verita sħieħa, issa permess tal-HIV-test, jekk għandu l-Aids, se jinqabad, u demmu ma għux se jiġi mogħti għat-trasfusjoni. Jingħata biss demm ta' nies li huma HIV-negative. Din hi s-sistema li titħaddem f'pajjiżna u hi s-sistema użata fil-pajjiżi progressivi kollha tad-dinja bħal l-Istati Uniti, l-Ingilterra u l-Italja. Iżda — u dan hu importanti ħafna — ma għix s-sistema wżata fil-pajjiżi sotto sviluppati tal-Asja, tal-Afrika u tal-amerika Latina. Hawn id-demm mhux fl-isptarijiet kollha jiġi ttestjat kontra l-Aids qabel ma jiġi mogħti lil persuni oħra. U għalhekk jeżisti riskju konsiderevoli li wieħed jieħu l-mard tal-Aids b'hekk. Għalhekk min imur f'dawn il-pajjiżi għal holidays, business, social work, ecc., nagħtih parir biex qabel ma jsiefer ghal dawn il-postijiet, jagħmel check-up intensiv li ma jmurx ikollu per eżempju xi barxa fl-istonku li tista' tinfaqgħalu, u allura jittieħed fi sptar fejn se jagħtih demm li jista ma jkunx HIV-tested. Nawgura wkoll lil dawn in-nies li inqas ikollhom xi accidents koroh jew xi emoraġija qawwija għal istess raġuni.

(3) It-tielet mod kif wieħed jieħu l-Aids hu l-kas ta'



*Ġisem imtebba' bil-marki ta' l-AIDS*

tarbija li tista tlaqqat l-Aids minn għand omm marida jew imniġġsa bl-Aids. Dan jista jiġri waqt it-tqala, waqt it-twelid jew inkella billi l-omm imniġġsa tredda t-tarbija. Nafu li l-Aids jittieħed mill-ħalib tas-sider.

**Biex ma titteħidx l-Aids:** L-Aids ma titteħidx b'kuntatti soċjali; jekk wieħed jieħu b'id ħaddieħor jew ibusu b'mod każwali, dan ma jitteħidx bl-Aids allavolja l-persuna l-oħra tkun imniġġsa. L-Aids ma jitteħidx jekk wieħed juża kamra tal-banju, shower, toilet, swimming-pool jew restaurant li qabel kien ġie wżat minn bniedem bl-Aids. L-Aids ma jitteħidx jekk wieħed daħal jixtri ġo ħanut fejn hemm bniedem bl-Aids; l-inqas sa fejn nafu sa issa ma jittieħed bin-nemus allavolja dan jigdem u jista joħroġ xi qatra demm.

**L-Aids bħala marda:** Tajjeb li wieħed ikun jaf xi ħaġa

*ikompli f'paġna 5*

dwar l-iżvilupp ta' din il-marda. Għandna persuna li tħobb is-sess u tagħmel xi skappatura ma xi persuna oħra, u tlaqqat il-virus tal-Aids. Rari ħafna li meta persuna tlaqqat il-virus, ikollha xi sintomi; ġeneralment ma tħoss xejn u ma tbati xejn dak il-ħin. Mhux biss iżda l-persuna tibqa' f'saħħitha għal perjodu twil ta' żmien għalkemm imniġġża bl-Aids u għandha l-virus ġo fiha. Tiekol bl-aptit, ma jkolliex deni, ikollha s-saħħa, insomma normali bħal kwalunkwe persuna normali oħra. Iżda (1) it-test tal-Aids ta' din il-persuna joħroġ positiv wara xi tlett xhur, jekk tittestjah u allura ma tistax tagħti demm, (2) persuna bħal din, allavolja f'saħħitha, jekk ikollha s-sess ma persuna oħra, ħa tagħti l-Aids lit-tieni persuna. Għalhekk l-apparenza tqarraq inkwantu tal-Aids. Wara żmien inċert tibda toħroġ il-marda. Jonqos l-aptit, jitla d-deni li ma jinzel b'xejn, il-marid jonqos ħafna mill pis, taqbdu diarrhoea qawwija, jitilgħu ħafna glandoli u jitfaċċaw marki koroh fil-ġilda u fil-ħalq. Jibda jnin ftit ftit. Jixxarrab ħafna bl-għaraq. Kultant ikarkru ħafna biex imutu. Il-mewt tiġri jew b'infezzjoni fil-pulmun jew inkella b'forma aggressiva ta' cancer. Sa issa ma hemm l-ebda mediċina li tikkura l-Aids, u l-inqas ma ġie sviluppat xi tilqim biex jekk tieħdu, jipproteġik kontra l-Aids. Qiegħed isir ħafna studju dwar dan, u anki qegħdin jintużaw xi mediċini, pero sa issa dawn il-mediċini ma jfejqukx mill-Aids, iżda jew itawlu biss iż-żmien li l-bniedem jagħmel f'saħħtu qabel ma toħroġ il-mard inkella jtaffu għal xi żmien is-sintomi tal-Aids.

**X'inhi l-pożizzjoni preżenti hawn Malta:** Skond l-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika ta' Malta, in-numru ta' każi ta' Aids irrappurtati hawn Malta sal-31 ta' Diċembru 1988 kien hekk:

**1986 Każi ġodda 5 - Mwiet 4**
**1987 Każi ġodda 2 - Mwiet 2**
**1988 Każi ġodda 8 - Mwiet 5**



Minħabba kunfidenzjalita medika, ma hux magħruf in-numru ta' każijiet infettati bil-mard tal-Aids, iżda li l-mard tkun għada ma ħarġitx (HIV+)

**Importanti:**

(1) Is-sess għandu jkun ristrett dejjem għal sieħba waħda li din skond ir-reliġjon tagħna, għandha tkun martek.

(2) Teħux injections tad-droga, u jekk sa kemm taqta d-droga, trid bilfors tinjetta lilek innifsek, uża siringi personali tiegħek u qatt ittihom lil ħaddieħor.

(3) Emmen fil-prinċipju u fil-valuri tal-ħajja. Is-sess hu don ta' Alla. Il-condom li wieħed jista juża biex ma jlaqqatx l-Aids waqt relazzjoni sesswali ma min ma tafux, jindika li int immatur u li ma għandekx prinċipji nsara.

(4) Inħennu għal min hu marid bl-Aids u ngħinuhom kemm nistgħu waqt li nissalvagwardjaw saħħitna. Il-Papa fl-Amerika bies tifel bl-Aids. Dan ifisser li l-morda bl-Aids xorta għadhom ħutna, u għandna nibqgħu nirrispettawhom bħala ħutna waqt ħajjithom u nitolbu ghalihom wara mewthom. Għax l-Aids ma hix flaġell mibgħut minn Alla, iżda challenge ġdid li l-bniedem, jekk jitlob lil Alla u jagħmel il-mezzi, żgur li jeħles minnha.

# IL-ĠIMGĦA MQADDSA FIL-PARROĊĊA TAGĦNA

Il-Ġimgħa Mqaddsa fil-bażilika tagħna hija waħda mill-ġimgħat l-iktar attivi. Apparti l-funzjonijiet liturġiċi li jsiru bis-sollennita' kollha minn Ħadd il-Palm sa l-Għid il-Kbir, ikollna wkoll ħidma kbira li jidħol għalija l-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira mwaqqaf għal dan il-għan fil-Bażilika tagħna. Bil-ħidma ta' dan il-Kumitat inbeda l-proġett li jsiru bradelli ġodda għall-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira. Din is-sena dan il-proġett ser jiġi fit-tmiem tiegħu billi ser isiru l-bradelli li għad fadal bil-għajnuna ta' diversi benefatturi ġorġjani. Dawn il-bradelli li ser isiru ser ikunu fuq l-istess disinn ta' l-oħrajn u qed jinħadmu minn Joseph Attard Sillato mill-Belt Victoria.

Nieħdu din l-okkażżjoni biex nirringrazzjaw lill-membri kollha tal-Kumitat tal-Ġimgħa l-kbira għall-ħidma li huma jwettqu matul is-sena kollha, imma b'mod speċjali matul ir-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa. Nixtiequ wkoll ningħaqdu mal-Kumitat biex meta jingħata l-avviż biex issir il-kitba għall-purċissjoni minn ikun ser jieħu sehem imur jinkiteb fil-ġranet u ħinijiet li jistabbilixxi l-Kumitat. Tajjeb ukoll inħeġġu lil kulħadd biex il-ħwejjeġ tal-purċissjoni nieħdu ħsiebhom u nirritornawhom nodfa fil-ħin.





# Riflessjonijiet minn fuq il-Front

*Matul il-ġranet tan-Novena tal-Milied li għadda, l-Parroċċa tagħna ħejjiet sett ta' riflessjonijiet sabiex tgħin lill-membri tal-komunita' parrokkjali jitħejjew sewwa għall-Festa tal-Milied. Waħda minn dawn ir-riflessjonijiet kienet dwar* ***Suldat*** *jistenna l-gwerra fil-Golf Għarbi. Minħabba l-attwalita' ta' din il-gwerra li tinsab għaddejja, ħassejna li tkun ħaġa tajba li nġibu hawnhekk din ir-riflessjoni.*

O Ġesu' ċkejken tarbija: din is-sena l-Milied ser ngħaddih il-bogħod minn arti, minn dari, il-bogħod minn marti u uliedi; il-bogħod minn kollox, il-bogħod minn kulħadd. Milied f'deżert: fejn ir-ramel jikwi ta' nofs in-nhar jingħaqad mal-ikħal nir tas-sema: Milied nistenna l-amar tal-ġlied. Milied li jġagħlni nifhem xi ftit kemm hi sabiħa l-paċi, kemm hu prezzjuż is-sliem.

X'differenza mid-daqq ħlejju ta' għanjiet tal-milied: hawnhekk jinstema' kontinwament it-tfaqqiegħ tal-bombi, u tkarwit ta' ajruplani qerrieda li mimlija azzar u nirien jobżqu fuq l-art ta' taħt it-toqol qerriedi tagħhom; mingħajr ma joqgħodu jħabblu moħħhom jekk hux ser jaqgħu fuq art mogħxa, jew inkella fuq kamp ta' refuġjati mġewwħa. U jiżirgħu qerda u dmija kullimkien.

Hemm dħaħen telgħin mill-bogħod: mhux duħħan ta' qastan jinħema iżda bjar taż-żejt jaqbdu u jħeġġu u joħolqu paniku kullimkien. F'idejja m'għandix tiżjin tal-Christmas Tree iżda bajjunetta mikxufa, mnaddfa, bil-lest, biex jekk l-għadu jersaq lejja jien ninsa li dak bniedem bħali u ninfdu u ntemmlu ħajtu. Qabel ma jtemm dik tiegħi.

Jinstama' leħen tiela minn wara l-għolja: mhux il-leħen ta' tfal ferħana li jkantaw flimkien "Ninni la tibkix iżjed", iżda bikja ta' tifla ċkejkna li tfittex lill-ommha u ma ssibhiex, għax matul il-lejl xi ħadd ħadhielha minn ħdejjha biex qatt iktar ma tersaq lejjha. Fil-bogħod jidher leħħiet ta' dawl: le mhux id-dawl iteptep tas-siġar tal-milied miżgħuda b'rigali, iżda spotlights għarriexa u bombi qerrieda li qed jagħmlu minn nies ħajja, katavri dejjiema.

U meta twelidt int, O Ġesu', l-Anġli kantaw "Paċi fl-art lill-bnedmin ta' Rieda tajba". Iva, O Ġesu' ċkejken tarbija, int ġibtilna l-paċi, iżda aħna l-bnedmin ta' din id-dinja għandna ħaġa importanti nieqsa: għandna nuqqas ta' rieda tajba. Dan nitolbok, il-lejla, O Ġesu' ċkejken tarbija agħtina din ir-rieda tajba li inti trid tara fina: Agħmel li lkoll nifhmu li jekk irridu l-paċi, irridu naħdmu għaliha, mhux bit-tpaċpiċ, iżda bil-fatti: billi l-ewwel nett inkunu paċi miegħek, paċi magħna nfusna, u paċi ma' dawk ta' madwarhna. Hekk biss il-paċi terġa ssaltan fuq il-bniedem. Hekk biss dak il-ferħ tal-Milied li nħass elfejn sena ilu fuq l-għar ta' Betlehem għad jerġa jsaltan fil-qlub tal-bnedmin kollha:

Agħmel O Ġesu', li lkoll nifhmu li aħna ulied ta' l-istess Missier; ilkoll aħwa tiegħek, għax int Ħuna l-Kbir, ilkoll ulied Ommok Marija u allura nħabirku biex ilkoll kemm aħna nkunu bennejja tal-paċi.

# L-Ikla Tradizzjonali tas-Soċjeta' "La Stella"

L-ewwel attivita' soċjali organizzata mis-Soċ. Fil. La Stella għas-sena l-ġdida kienet ikla mogħtija mid-direzzjoni b'riżq il-membri kollha msieħbin f'din l-Għaqda Mużikali. L-Ikla, li tingħata ta' kull sena f'dan iż-żmien bħala rikonoxximent tax-xogħol diżinteressat li jwettqu l-membri matul is-sena, inżammet fil-Penelope Restaurant tal-Hotel Calypso, Marsalforn, nhar il-Ħadd 20 ta' Jannar.



*Uħud mill-mistiedna tas-Soċjeta' La Stella waqt l-Ikla .*

Mistiedna għal din l-Ikla kienu l-bandisti u l-membri tal-Kumitat, il-Management tat-Teatru Astra, il-Group Folkloristiku Astra, l-Astra Tours, l-Astra Dramatic Company u l-Għaqda Żgħażagħ La Stella.

Fost dawk preżenti kien hemm Mro Joseph Vella, Surmast-Direttur, Mro John Galea, Asst. Surmast, Dr Joseph Ellis u Dr Eugene Montanaro, President u President Onor. rispettivament, Mons. Salv. Borg, Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ, u s-Sur Paul M. Cassar, Segretarju Ġenerali tas-Soċjeta'.

F'kelmtejn li għamel lejn tmiem l-Ikla, is-Sur Cassar irrifera għar-rwol tas-Soċjeta' u l-impenn tagħha biex tippromovi u xxerred it-tagħlim tal-mużika u l-kultura. Is-Sur Cassar osserva li anke matul is-sena li għaddiet, is-Soċjeta' kompliet tilħaq dan il-għan permezz tal-kontribut siewi li taw fil-qasam kulturali ta' dawn il-gżejjer kemm il-Banda La Stella kif ukoll it-Teatru Astra. Huwa iżżiħajr lis-Surmast-Direttur, lill-Asst. Surmast, il-bandisti, l-uffiċċjali fid-direzzjoni, lid-diversi taqsimiet imwaqqfa fil-Każin u lil kull min ta s-sehem tiegħu biex isem is-Soċjeta' jissokta jgawdi l-ogħla ġieh u unur fost għaqdiet mużikali oħra f'Malta u Għawdex.

Aktar kmieni dak il-jum saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-Soċjeta'.

# Nanette Tal-Moulin Rouge

Attivita tejatrali oħra għall-Astra Dramatic Company kienet il-kummiedja 'Nanette Tal-Moulin Rouge' ta' George Feydeau, li ġiet preżentata fit-Teatru Astra nhar is-Sibt 15 ta' Diċembru 1990. Il-kummiedja, miżgħuda b'għadd ta' sitwazzjonijiet imbarazzanti u sadattant mill-aktar tad-daħk, ipprovdiet serata tassew divertenti lill-pubbliku Għawdxi. Erbgħa mill-aħjar atturi komiċi tal-palk f'Għawdex, Maria Zammit Borg, Charles Zammit, Monica Attard u Anton said, interpretaw il-partijiet ewlenin. 'Nanette Tal-Moulin Rouge' ġiet adattat għall-palk minn Ġorġ Cini, li anke kellu f'idejh il-produzzjoni u d-direzzjoni tal-kummiedja.



*L-atturi tal-Astra Dramatic Company li ħadu sehem fil-kummiedja.*

# Għotja ta' Flus b'riżq il-Karita'

Il-Kumpless tat-Teatru Astra lejn tmiem is-sena l-oħra kien iċ-ċentru ta' tliet attivitajiet filantropiċi li nżammu b'riżq l-istituti orfanatrofji u l-Għaqda Handikappati Għawdxin. It-tliet attivitajiet kienu: Maratona ta' Żfin li nżammet fl-Astra Discotheque bil-parteċipazzjoni tal-Iskola taż-Żfin ta' Tony Laurence, serata tejatrali mtella' mill-Astra Dramatic Company tad-dramm reliġjuż 'Maria Goretti', u Maratona ta' Snooker organizzata mill-Għaqda Żgħażagħ La Stella u li fiha ħadu sehem sitt 'guest players' mil-Lions Club (Malta). Minn dawn it-tliet attivitajiet inġabret is-somma sabiħa ta' Lm1600.




*Ġorġ Cassar jidher jippreżenta għotja ta' flus f'isem l-Għaqda Żgħażagħ La Stella lil Dun Manwel Curmi, Direttur tal-Għaqda Handikappati Għawdxin, fi tmiem il-Maratona ta' Snooker.*

A+M PRINTING LTD. - QALA